MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Numru 103/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta u Stephen Mallia)**
**vs**
**Jonathan Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Jonathan Mizzi ta' 19 il-sena bin Michael u Emmanuela nee' Azzopardi imwieled Pieta nhar 23 ta' Settembru 1982, u residenti Plot 64 Triq Guze' Ellul Mercer, Swaghtar, Msida u detentur ta' karta ta' identita numru 521682(M), talli:

1. f'tas-Sliema, nhar 16 ta' Dicembru 2001 ghal habta tal-11.30 ta' bil-lejl flimkien ma' persuni mhux maghrufa ikkommetta serq ta' somma flus ta' aktar minn Lm100 minn Pace's Guest House sitwat fi Triq Sant Agatha, liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin, valur li jeccedi l-Lm100 maltin izda u anqas minn Lm1000 u li sar ghad detriment ta' Dhaodhi Lofti;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill Dhaodhi Lofti kontra l-volonta tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta’ serq kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

4. f’tas-Sliema nhar is-16 ta’ Dicembru 2001 ghal habta tal-11.45 ta’ bil-lejl flimkien ma’ persuni mhux maghrufa ikkommetta serq ta’ somma flus ta’ aktar minn Lm50 minn GrandPa’s Millenium Kebab House sitwat ix-Xatt, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin u li sar ghad-detriment ta’ Cemil Yildiz;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Cem Yildiz, Janelle Spiteri Cremona u James Rizzo kontra l-volonta taghhom;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta’ serq, kellu fil-pussess tieghu, arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

7. f’tas-Sliema f’xi hin matul il-lejl tal-15 ta’ Dicembru 2001, flimkien ma’ persuni mhux maghrufa kkommetta serq ta’ vettura ta’ ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni BBK 195, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi Lm1000, bil-hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Alpine Rent A Car Ltd.

8. fl-Imsida f’xi hin matul il-lejl ta’ 28 ta’ Novembru 2001, flimkien ma’ persuni mhux maghrufa kkommetta serq ta’ vettura ta’ ghamla Alfa Romeo bin-numru ta’ registrazzjoni BBG 804, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur li

jeccedi l-LM1000, bil-hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Claudio Meldoni;

9. f’Rahal Gdid f’xi hin matul il-lejl tat-28 ta’ Novembru 2001, flimkien ma’ persuni mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ vettura ta’ ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni KAE 062, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi Lm1000, bil-hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Zerafa Paul;

10. fis-Swieqi f’xi hin matul 21 ta’ Dicembru 2001 u 24 ta’ Dicembru 2001, flimkien ma’ persuni mhux maghrufa kkommetta serq ta’ vettura ta’ ghamla Alfa Romeo 33 bin-numru ta’ registrazzjoni FAS 275 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-Lm1000, bil-hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Stellini Alexander;

11. f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali filwaqt li ttrasmetta l-atti tal-kawza lil din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali billi deherlu li mill-atti kompilati tista’ tinstab htija fl-imputat u tiddeciedi dwar din il-htija o meno f’nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat b’dan pero li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja tisma’ l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li l-prosekuzzjoni ma kellhix provi xi tressaq;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-5 t’April 2002 jammetti l-akkuzi kontrih dedotti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'hames akkuzi ta' serq, b'sekwestru ta' persuni, u reati kontra l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-reat ta' serq hu akkompanjat bil-kwalifiki tal-vjolenza, mezz, hin u valur skond il-kaz. Huwa wkoll akkuzat ta' ricettazzjoni li giet dedotta in alternattiva ghall-akkuza tas-serq u li fil-kaz in disamina ma treggix. Fil-fatt l-imputat ammetta volontarjament u inkondizjonalment l-akkuza ta' serq u ippersista f'tali ammissjoni. Hemm ukoll l-istqarrijiet minnu rilaxxjati li ma jhallux dubbju li jissusisti s-serq u mhux ir-ricettazzjoni.

Mill-atti jirrizulta li l-imputat ghandu 19 il-sena u ghandu fedina penali netta. Jirrizulta wkoll li ghamel gimgha detenut qabel ma gie rilaxxjat fuq kawzjoni. Il-qorti certament ma tistax tinjora s-serjeta tal-akkuzi aktar u aktar meta kommessi b'certu spregudikatezza u disden versu terzi li mhux biss huma intitolati izda ghandhom id-dritt li jesigu protezzjoni.

Illi din il-qorti wara riflessjoni tikkonsidra li l-piena li ghandha tinfliggi hi ta' prigunerija u multa bit-terminu ta' prigunerija sospiz u b'nomina ta' ufficjal tal-probation li jissorvelja lill-imputat. Ghalhekk rat l-artikolu 261(1)(b)(c)(f)(g), 262(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 275, 277(b), 279(b), 280(2), 329, 17(b)(h), 31, 18 tal-kap 9 u l-Artikolu 2, 3, 9, 19, 23, 26, 27 tal-Kap 66 tikkundannah sentejn prigunerija u multa ta' Lm200. Ghal dik li hi prigunerija tissospendiha bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 ghall-erba snin millum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor tul dan il-perjodu tas-sentenza sospiza u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tpoggih taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu operattiv kollu ta' din is-sentenza sospiza u l-kondizzjonijiet imposti fl-annessa formula li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Fl-ahharnett il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu nascenti minn din is-sentenza.

---------------------------------TMIEM---------------------------------